

**Suġġett**

Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni, minn naħa, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319 p. 11) u min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319, p. 71), safejn dawn jinkludu, fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom huma ffriżati, l-entità bl-isem ta' "Morison Menon Chartered Accountants".

**Dispożittiv**

- (1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- (2) L-ispejjeż huma rriżervati.

—————

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2011 —  
Budziewska vs UASI — Puma AG Rudolf Dassler Sport  
(rappreżentazzjoni ta' puma)**

(Kawża T-666/11)

(2012/C 109/32)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Danuta Budziewska (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: J. Masłowski, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Puma AG Rudolf Dassler Sport (Herzogenaurach, il-Ġermanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-23 ta' Settembru 2011, fil-Każ R 1137/2010-3, li tiċħad l-appell ippreżentat mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni li tannulla d-dritt tagħha għal disinn; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

**Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:** disinn (rappreżentazzjoni ta' puma) irreġistrat taħt in-Nru 697016-0001, u ppubblikat fisem ir-rikorrenti fil-Bullettin tat-Trade Marks Komunitarji tat-2 ta' Mejju 2007.

**Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:** ir-rikorrenti.

**Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:** il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:** l-abbozz tad-disinn ma jissodisfax id-definizzjoni ta' disinn kif stabbilita fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142) u naqas ukoll milli jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament Nru 6/2002, flimkien ma' raġunijiet ta' invalidità oħra skont l-Artikolu 25(1)(c), (d), (e), (f) u (g) ta' dak ir-regolament.

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:** dritt għal disinn annullat

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** appell miċħud.

**Motivi invokati:** ksur tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002 minħabba r-rifjut li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura individwali tad-disinn kif stabbilit mir-rikorrenti.

—————

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2011 — VIP Car  
Solution vs Il-Parlament**

(Kawża T-668/11)

(2012/C 109/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** VIP Car Solution (Hoenheim, Franza) (rappreżentanti: G. Welzer, avukat)

**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas EUR 1 408 000 lil SARL VIP CAR SOLUTIONS;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti titlob kumpens għad-danni materjali u morali li hija tqis li ġarrbet wara d-deċiżjoni tal-Parlament, tal-24 ta' Jannar 2007, li tiċħad l-offerta tagħha ppreżentata fil-kuntest ta' proċedura għal sejħa għal offerti li tikkonċerna t-trasport tal-membri tal-Parlament Ewropew fil-karozza jew fil-minibus bis-sewwieq matul il-perijodi ta' sessjoni fi Strasbourg (Nru PE/2006/06/UTD/1) <sup>(1)</sup>. Din id-deċiżjoni ġiet annullata bis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Mejju 2006 mogħtija fil-Kawża T-89/07, VIP Car Solutions vs Il-Parlament <sup>(2)</sup>.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka bħala żball ikkarratterizzat mill-Parlament li jagħti lok għal dannu:

- ksur tal-obbligu li jiġi kkomunikat il-prezz propost mill-persuna li tingħata l-kuntratt;
- ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li l-Parlament ma kkomunika ebda informazzjoni fuq il-karatteristiċi u l-vantaġġi li jirrigwardaw l-offerta magħżula, kif ukoll
- żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-Parlament ma bbażax id-deċiżjoni tiegħu ta' ċaħda fuq kriterji ta' selezzjoni u ta' għoti preċedentement iddefiniti fid-dokumenti ta' sejħa għal offeriti.

(<sup>1</sup>) ĠU 2006/S 177-187988.

(<sup>2</sup>) Ġabra p. II-1403.

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2012 — Provincia Groningen et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-15/12)

(2012/C 109/34)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Provincie Groningen (Groningen, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Friesland (Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Drenthe (Assen, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Overijssel (Zwolle, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Gelderland (Arnhem, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Flevoland (Lelystad, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Utrecht (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Noord-Holland, (Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Zuid-Holland ('s-Gravenhage, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Zeeland (Middelburg, il-Pajjiżi l-Baxxi); Provincie Noord-Brabant ('s-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi); u Provincie Limburg (Maastricht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: P. Kuypers u N. van Nuland)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011 mogħtija fil-Każ N308/2010 jew minn tal-inqas, sussidjarjament, tannullaha sa fejn l-organizzazzjonijiet ta' protezzjoni tan-natura huma benefiċjarji tal-iskema tas-sussidji jew minn tal-inqas, sussidjarjament, tannullaha sa fejn l-organizzazzjonijiet ta' amministrazzjoni tal-artijiet huma benefiċjarji tal-iskema tas-sussidji;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinwokaw żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE u fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

— Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-protezzjoni tan-natura hija servizz ta' interess ġenerali skont l-Artikolu 2 tal-protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali. Għalhekk, id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ma huwiex applikabbli;

— L-amministraturi tal-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tan-natura, jew minn tal-inqas l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-artijiet huma b'mod żbaljat deskritti bħala impriżi skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

— Meta jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet li huma konnessi magħha, l-iskema ta' sussidji ma tirriżultax f'vantaġġ ekonomiku, skont l-Artikolu 107 TFUE, għall-benefiċjarji.

— Il-Kummissjoni applikat bi żball ir-raba' kundizzjoni, li hija msemmija fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, Ġabra 2003 p. I-7747).

— L-iskema ta' sussidju ma hijiex suxxettibbli li jkollha effett sfavorevoli fuq il-kummerċ interstatali.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 296(2) TFUE.

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2012 — Stichting Het Groninger Landschap et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-16/12)

(2012/C 109/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Stichting Het Groninger Landschap et (Haren, il-Pajjiżi l-Baxxi), Vereniging It Fryske Gea (Olterterp, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Drentse Landschap (Assen, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Landschap Overijssel (Dalfsen, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Geldersch Landschap (Arnhem, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Flevoland (Lelystad, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Utrechts Landschap (De Bilt, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Noord-Hollands Landschap (Heiloo, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Zuid-Hollands Landschap (Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Zeeuwse Landschap (Wilhelminadorp, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Noordbrabants Landschap (Haaren, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stichting Het Limburgs Landschap (Lomm, il-Pajjiżi l-Baxxi); en Vereniging tot behoud van Natuurmonumenten in Nederland ('s-Graveland, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: P. Kuypers u N. van Nuland, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla jew għall-inqas, subordinatament, tannulla sa fejn ir-rikorrenti jibbenefikaw mis-Subsidieregeling (Skema ta' sussidji), id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011, Każ N308/2010;